31986D0181

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-6 ta' Mejju 1986

li tikkonċerna l-adeżjoni tal-Komunità Ekonomika Ewropea għall-Ftehim dwar l-importazzjoni temporanja, mingħajr dazju, ta' tagħmir mediku, kirurġiku u tal-laboratorju għall-użu b'self b'xejn fl-isptarijiet u istituzzjonijiet mediċi oħrajn għal skopijiet ta' dijanjosi jew kura

(86/181/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi Artikoli 1 u 2 tal-Ftehim dwar l-importazzjoni temporanja, mingħajr dazju, ta' tagħmir mediku, kirurġiku u tal-laboratorju għall-użu b'self b'xejn fl-isptarijiet u istituzzjonijiet mediċi oħrajn għal skopijiet ta' dijanjosi jew kura, imfassal fuq l-inizjattiva tal-Kunsill ta' l-Ewropa, jipprovdu li kull Parti Kontraenti għandha tagħti l-faċilitajiet kollha possibli għall-importazzjoni bla dazju fuq bażi temporanja ta' tagħmir bħal dan provdut lilu minn Parti Kontraenti oħra;

Billi kull deroga mit-Tariffa Doganali Komuni, sew jekk awtonoma jew konvenzjonali, taqa' taħt il-kompetenza tal-Komunità;

Billi d-dħul fis-seħħ ta' Protokoll Addizzjonali li jagħti s-setgħa lill-Komunità li ssir Parti Kontraenti tal-Ftehim fuq imsemmi jippermetti lill-Komunità li teżerċita l-poter tagħha f'din il-materja; billi d-derogi stabbiliti minn dak il-Ftehim diġa hemm provvediment għalihom fir-regoli tal-Komunità dwar l-importazzjoni temporanja;

Billi l-Komunità għandha għaldaqstant issir Parti Kontraenti għall-Ftehim in kwistjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-adeżjoni tal-Komunità għall-Ftehim dwar l-importazzjoni temporanja, mingħajr dazju, ta' tagħmir mediku, kirurġiku u tal-laboratorju għall-użu b'self b'xejn fl-isptarijiet u istituzzjonijiet mediċi oħrajn għal skopijiet ta' dijanjosi jew kura hija b'dan approvata f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jagħżel il-persuni li għandhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex jorbtu lill-Komunità.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Mejju 1986.

Għall-Kunsill

Il-President

P. H. van ZEIL